# Ċ 5.2 ĠIMGĦA FIL-ĦAJJA TIEGĦI



**Ċ5.2.5.**
Nikklassifikaw u nagħmlu differenza bejn l-attivitajiet li jżommuna f'saħħitna u dawk li jitfgħulna saħħitna lura.

**A. Aqra, imbagħad wieġeb.**

Fil-ħila Ċ5.2.1 konna żammejna djarju mifrux fuq sebat ijiem. Dawn huma r-riżultati ta' Felicienne, studenta fil-Ħames Klassi tal-Primarja.

| | **Attività** | **Ħin** |
|---|---|---|
| 1. | Xogħol tad-dar (Homework) | 12-il siegħa |
| 2. | Għajnuniet fix-xogħol tad-dar: ħasil ta' platti, tindif is-Sibt, qadi | 10 sigħat |
| 3. | Mistrieħ id-dar: logħob ta' ġewwa, televixin, logħob bil-kompjuter | 15-il siegħa |
| 4. | Qari bil-Malti u bl-Ingliż | 8 sigħat |
| 5. | Taħriġ mat-tim tan-netball tar-raħal | 3 sigħat |
| 6. | Attivitajiet reliġjużi: quddies, attendenza l-Youth Centre | 8 sigħat |
| 7. | Ħarġa l-Ħadd *picnic* mal-familja kollha. | 5 sigħat |
| 8. | Żjarat u għajnuna lin-nanniet tan-naħa tal-Mamà u tal-Papà | 4 sigħat |
| 9. | Irqad | 56 siegħa |

**Wieġeb**.

1. Semmi attività li għamlet Felicienne, illi żgur tgħinha biex tkun tifla f'saħħitha. Għid għaliex taħseb hekk.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

2. Semmi attività mid-djarju ta' Felicienne, illi jekk tagħmilha fit-tul ħafna, tista' titfa' saħħet Felicienne lura. Għid għaliex taħseb hekk.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

3. Felicienne, f'ġimgħa raqdet 56 siegħa. Dan jiġi 8 sigħat kuljum. Taħseb li dan jgħinha biex tkun f'saħħitha? Għid għaliex.

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

4. M'hemmx dubju li l-attività fiżika tgħinna nkunu f'saħħitna. Liema attività fiżika għamlet Felicienne? Kemm għaddiet ħin f'din l-attività?

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

## B. Wieġeb billi tikteb VERU jew FALZ.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | L-isports jgħinna nkunu f'saħħitna. | |
| 2. | Jekk ma niċċaqalqu qatt, saħħitna tmur lura. | |
| 3. | Il-ħaxix u l-frott huma tajbin għal saħħitna. | |
| 4. | Aħna għadna żgħar, allura importanti li nieklu ħafna ħelu kuljum. | |
| 5. | Snienek, taħsilhom u ma taħsilhomx, xorta jitħassru. | |
| 6. | Meta nuża r-rota nkun qiegħed nagħmel tajjeb għal saħħti. | |
| 7. | Il-mediċini għandna noħduhom biss bil-parir tat-tabib. | |
| 8. | It-tilqim kontra l-mard perikoluż, aħjar ma neħduhx, qas ħaqq kemm inweġġgħu biex nieħdu l-*injections*. | |
| 9. | Il-*junk-food* għandna nevitawh kemm nistgħu għax jista' jagħmlilna ħafna ħsara jekk neħduh f'ammonti kbar. | |
| 10. | L-aħjar tieħu l-prekawzjonijiet biex ma timradx, mhux l-ewwel timrad imbagħad tieħu l-kura. | |

## Ċ. Nitgħallmu permezz tal-għanjiet.




Hawnhekk insibu storja li l-iskop tagħha huwa li nitgħallmu kif ngħixu f'saħħitna. Naraw kif biex ngħixu f'saħħitna importanti ħafna li:

- nieklu ikel sustanzjuż bħall-ħaxix, ħalib, lewż u ġewż
- inkunu attivi u niċċaqalqu mhux dejjem bil-qiegħda

Agħfas hawn :

http://primarysocialstudies.skola.edu.mt/schoolnet/taqbiliet/kantastorja/7-nghixu-f-sahhitna.htm

**Wieġeb VERU jew FALZ bil-għajnuna tal-għanjiet li tgħallimna:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Irridu nidraw nieklu kollox, speċjalment ħaxix u frott. | |
| 2. | Il-ħalib jagħmel tajjeb kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. | |
| 3. | Tiekol x'tiekol, kemm għandek tgħix tgħix. | |
| 4. | Il-lewż u l-ġewż fihom ħafna sustanzi tajbin għal saħħitna. | |
| 5. | M'għandna qatt nieklu l-ġewż għax nistgħu nixirqu. | |
| 6. | Il-brodu, it-torti, l-imqarrun u l-minestra huma ikel tradizzjonali Malti li huwa sustanzjuż ħafna. | |
| 7. | L-istuffat hija ikla oħra tradizzjonali Maltija sustanzjuża ħafna | |
| 8. | L-eżerċizzju jżommna f'saħħitna. | |

## D. Niċċaqalqu fil-klassi.

Nitgħallmu din l-għanja u niċċaqalqu mar-ritmu u l-versi tagħha:

GĦOLLI JDEJK MISS SPALLEJK.

http://youtu.be/EVXlnRkeuhk



## E. Ikteb TAJJEB jew ĦAŻIN

1. Pawlu jmur il-mużew bir-rota milli bil-karozza. __________
2. Marija tgħaddi ħafna ħin tilgħab quddiem il-kompjuter. __________
3. Ġanni moħħu biss biex jiekol il-ħelu, l-ħaxix idejqu. __________
4. L-iskola nagħmlu ħafna sport. __________
5. Noqgħodu ħin twil bilqegħda jagħmlilna tajjeb. __________
6. Ommi tħobb ssajjar ħafna ħaxix, ħut u tiġieġ. __________